Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 6/2016

Il-Pulizja

Spettur Fabian Fleri

Vs

Massimo Caruso

Illum 26 ta' Mejju, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Massimo Caruso, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 22119A, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

talli fit-28 ta' Lulju 2010 bejn 10:30hrs u s-13:45hrs minn gewwa r-residenza bin-numru 14A li tinsab Triq Mudest Sapiano, San Gwann, ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom gojjellerija u flus kontanti li l-valur taghhom jeccedi l-2,329.40 Euro (LM1000) ghad-dannu ta' Sacha Guillaumier u/jew persuna/i ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, bil-lok u bil-mezz u dan ai termini tal-artikoli 261, 263, 267, 269(g), 279(b) u 280(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli sar recediv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, mghotija fit-8 ta' Jannar, 2016, fejn il-Qorti tiddikjarat li sabet lill-imputat hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu u wara li rat l-artikoli 17, 23, 31, 49, 50, 261, 263, 267, 269(g), 279(b), 280(2), 289 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddecidiet li tikkundanna lill-imputat ghall-piena karcerarja effettiva ta' erba' (4) snin.

Rat ir-rikors tal-appell ta Massimo Caruso, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fid-19 ta' Jannar, 2016, fejn talab lil din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu sabithu hati u kkundannatu ghal piena karcerarja effettiva ta' erba' (4) snin u kkundannatu ulterjorment ihallas l-ispejjez inkorsi mal-hatra ta' periti u esperti nominati u cioe' elf mija u erba' Ewro u wiehed u disghin centezmu (€1104.91), tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fir-rigward tad-dikjarazzjoni ta' htija tas-serq ikkwalifikat bil-lok biss, u tirrevokha in kwantu nghatat kundanna ta' piena karcerarja ghal zmien erba' (4) snin billi tissostitwixxi ghall-istess piena, u tapplika minflok piena karcerarja, Ordni ta' Probation ghall-perjodu massimu ta' tlett snin, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk din il-Qorti jidrilha li s-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti hija gusta, tapplika piena karcerarja anqas, u li tkun aktar adattata ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata ta' Massimo Caruso esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti huma s-segwenti w cioe':-

(1) Illi bir-rispett kollu, l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti u interpretazzjoni hazina tal-ligi.
Illi bir-rispett kollu, il-prosekuzzjoni ma gabet l-ebda prova biex tissostanzja li s-serq kien ikkwalifikat bil-valur u bil-mezz.
Illi f'dan ir-rigward l-Ewwel Qorti messa, dejjem skond il-provi prodotti quddiemha, waslet ghall-decizjoni inversa minn dik li waslet ghaliha ghaliex

jekk kien hemm l-icken dubju dwar l-aggravju tal-mezz u tal-valur, dan kellu jmur favur l-imputat skond il-principju *in dubbio pro reo;*

Illi ghalhekk stante li l-fatti tal-kaz ma jimmirawx f'direzzjoni wahda, huwa car illi fil-kaz odjern hemm dubbji u incertezzi serji dwar l-aggravju tal-valur u tal-mezz. Illi bir-rispett kollu l-prosekuzzjoni ma rnexxiliex tissodisfa l-vot tal-ligi f'dak li jirrigwarda l-ahjar prova u cioe' li tipprova l-aggracji sub-indikati lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni;

Illi l-Ewwel Qorti messha, dejjem skodn il-provi prodotti quddimeha, waslet ghall-decizjoni inversa minn dik li waslet ghaliha.

Rat il-verbal registrat fis-seduta tas-17 ta' Frar 2016 li bih il-Prosekuzzjoni ssollevat in-nullita' tar-rikors tal-appell ghax ma fihx il-fatti fil-qosor kif preskritt ad validitatem fl-artikolu 419(1) (a) tal-Kodici Kriminali.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi fir-rikors, wara paragrafu fejn giet riprodotta l-akkuza dedotta fil-komparixxi u paragrafu iehor fejn giet riprodotta is-sentenza tal-Ewwel Qorti fis-sustanza taghha, hemm paragrafu fejn jinghad li l-appellant hass ruhu aggravat b' dik is-sentenza u li kien qed jinterponi appell minnha . Mbaghad issegwi t-testatura "Il-fatti fil-qosor huma is-segwenti" fejn wara dan l-appellanti minnufih ighaddi biex jelenka l-lanjanzi tieghu diretti lejn s-sentenza impunjata minghajr ma jimmenzjona l-fatti tal-kaz in succinct. Wara dan l-appellanti imbaghad jindika l-aggravvji fejn essenzjalment jerga isemmi il-lanjanzi imressqa minnu 'il quddiem fil-paragrafi precedenti intestati "il-fatti fil-qosor".

Illi ghalhekk mill-qari ta' dan l-att promotur ta' appell huwa evidenti illi ma jissemma addirittura ebda fatt biex jindika kif u ghaliex gara l-incident, u x'wassal allura biex tressqu l-akkuzi fil-konfront ta'l-appellanti. L-appellanti izda jilmenta illi ma giex ippruvat il-valur ta'l-oggetti allegatament misruqa, li ma gewx ippruvati ic-cirkostanzi aggravvanti tal-mezz u tal-valur u fl-ahharnett li l-Ewwel Qorti injorat ir-

rakomandazzjonijiet maghmula fil-*pre-sentencing report* fejn allura dawn it-tlett propozizzjonijiet aktar jidhru li huma aggravji milli fatti.

Ikkonsidrat;

Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta mill-Prim'Imhallef Emeritus Onor. Dr. V. De Gaetano fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet **"Il-Pulizija vs. Joseph Said**" [25.7.1994] :-

*"Il-gurisprudenza, ormai kopjuza dwar in-nullita' tar-rikors tal-appell minhabba karenza tar-rekwizit tal-fatti fil-qosor, ma hix gurisprudenza bbazata fuq formalizmu jew inflessibilita' procedurali izda gurisprudenza bbazata fuq interpretazzjoni ragjonevoli tal-imsemmi dispost tal-ligi (Art. 419 (1)…"Il-principji stabiliti … jinsabu rispekkjati f'sentenzi aktar recenti bhal , per ezempju , "**Il-Pulizija vs. Lawrence Zammit u Paul Spiteri"** [25.7.1986] ; **"Il-Pulizija vs. Alfred Debono"** [23.4.1992] u l-"**Il-Pulizija vs. Julian Bonello"** [14.5.1992], lkoll appelli kriminali, jistghu jigu riassunti fis-segwenti tlitt propozizzjonijiet : (1) ir-rikors ghandu jkun fih espozizzjoni tal-fatti saljenti u essenzjali tal-kawza, esposti b' mod car u komplet , b' mod li l-kontroparti tkun tista' tifhem fuqhiex ghandha tiddefendi ruha jew tittratta, u b'mod li din il-Qorti tkun tista' ssegwi sewwa l-izvolgiment tal-kaz u tillimita d-dibattitu ghal dak li hu bzonnjuz u tirrikjedi l-iskjaramenti mehtiega; (2) il-ghalhekk ma jkunx sodisfatt il-vot tal-ligi jekk il-fatti jkunu sparpaljati b'mod li wiehed irid joqghod jistad ghalihom biex forsi jindividwhom ; u (3) li certament mhux il-kompitu tal-Qorti li toqghod tipprova tispigola l-fatti mill-aggravji jew vice versa. …f' dan il-kaz l-espozizzjoni tal-fatti hija karenti ghal kollox."*

Fl-Appell kriminali **"Il-Pulizija vs. Vincent Fenech**" [17.10.1997], din il-Qorti ukoll presjeduta mill-Prim'Imhallef Emeritus Dr.V. De Gaetano qalet li ghalkemm *: "tfahhar kull sforz li jsir biex fl-atti gudizzjarji tigi kkoltivata l-prassi ta' l-ekonomija tal-kliem , hu evidenti li tali ekonomija ma tistax tkun a skapitu tas-sens u l-iskop guridiku ta' l-att in kwistjoni , cioe' ma tistax tkun ekonomija tali li ggib fix-xejn u tirrendi inoperattiv u bla sens dak l-att."*

Illi jidher car li f'dan il-kaz ukoll l-espozizzjoni tal-fatti hija ukoll karenti ghal kollox u ghalhekk r-rikors tal-appell ma jissodisfax il-vot tal-ligi.

Ghal dawn il-motivi tilqa′ l-eccezzjoni preliminari tal-Avukat Generali w tiddikjara r-rikors tal-appell tal-appellanti irritu w null ghax ma jissodisfax ir-rekwiziti mehtiega taht piena ta′ nullita′ fl-artikolu 419 (1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta′ Malta u konsegwentement tastjeni milli tkompli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kawza.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur